KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.lc.gov.mt

**23/19**

**It-Tlieta u għoxrin (23) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata:
   (a) Attivitajiet għal April, Mejju u Ġunju 2014
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

***2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

2.1 Il-Minuti 22/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 22/19
2.2.1 Minuta 1 – jitneħħa l-isem "Herace" u ssir "Horace"
2.2.2 Minuta 3.3 - titneħħa l-kelma "le" u ssir "li".
2.2.3 Minuta 4(b),(c)–titneħħa l-kelma "ipreżenta" u issir "ippreżenta"
2.2.4 Minuta 4 (c) – titneħħa il kelma "ekx" u ssir "eks"

2.2.5 Minuta 6 – wara l-kelma pagamenti żdiedet il-frażi "flimkien mal-petty Cash"
2.2.6 Minuta 7 – Ilment 358 – "tansport" u ssir "transport"
2.2.7 Minuta 9.3 – titnehha l-kelma "il-Ġdida" u issir "Ġdida"

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 22 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

Fis-6:50 wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Minuta 3.4 Is-Sindku informa lill-membri li d-dokument tat-tender tal-live streaming intbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jikkonfermaw li l-kuntrattur huwa compliant mar-rekwiżiti mitluba fit-tender.

3.2 Minuta 3.6 - Is-Sindku informa lill-membri li s-Segretarju attenda għall-laqgħa li saret mal-EUPA u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Proġett tal-Youth "Move On, On Move" Is-Segretarju informa lil membri li waqt il-laqgħa mal-EUPA l-eks Segretarja Louise Gusman kienet preżenti u giet diskussa l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward il-kont bankarju li nfetaħ illegalment fuq terzi persuni jiġifieri fuq is-Sur Christian Micallef. L-eks Segretarja ikkonfermat dan u għaldaqstant ir-rappreżentanti tal-EUPA qalu li l-aħjar din il-problema tigi riżolta mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Fis-6 ta' Marzu, 2014 s-Segretarju kellu laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mad-Direttur Carmelo Abela u mas-Sur Robert Tabone, fejn id-Dipartiment irrikonoxxa li qatt ma seta' jinfetaħ kont bankarju fuq terzi persuni. Għaldaqstant ġie maqbul sabiex issir talba lill-eks Segretarja Louise Gusman sabiex tgħamel dikjarazzjoni fuq dan il-każ. L-eks segretarja giet infurmata b'din id-deċiżjoni.

Fis-16 ta' Marzu, 2014 s-Sinjura Gusman bagħtet email fejn irrikonoxxiet l-iżball.

Is-Sindku ntervjena u nforma lill-membri li mhux ser jaghmel tajjeb għal l-ebda irregolaritiajiet, u għaldaqstant ippropona sabiex isiru aktar verifikazzjonijiet tad-dokumenti ġaladarba kien l-istess kunsill li daħal għal dan il-proġett

Is-Sur Anastasi qal li hu ma jara xejn ħażin għaliex il-ftehim li sar mal-EUPA kien ġie accettat mill-istess EUPA.

3.3 Minuta 4(c) -Is-Sur Anastasi nforma lis-Sindku li l-eks Segretarja s-Sinjura Gusman hija intitolata mill-inqas għal 5% performance bonus.

Is-Sindku rrimarka li bl-istess argument l-istess 5% tal-bonus kellu jingħata wkoll lill-eks Segretarji s-Sur Joseph Formosa u s-Sur Joseph Cassar.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li dak li hu dovut għandu jitħallas mingħajr ma ssir inġustizzja ma ħadd. Għaldaqstant ser jiġi nfurmat id-Dipartiment sabiex inkunu f'pożizzjoni li nipprocedu.

3.4 Minuta 5.3 – Is-Sindku informa lill-membri li fit-12 ta' Marzu 2014 sar it-tibdil necessarju hekk kif ġie awtorizzat minn naħa ta' Transport Malta. Jidher li mir-rispons li kellu l-Kunsill, apparti mill-problemi li nqalgħu fl-ewwel ġurnata, kien wieħed pozittiv għajr għal operatur wieħed li qed isostni li ma ġiex ikkonsultat.

Is-Sindku nofrma lill-membri li ser jerġa' jikteb lil Transport Malta sabiex jikkonsidraw it-talba tal-Kunsill li għandhom jiżdiedu l-**Junction Boxes** fi Triq il-Kappillan Mifsud hekk kif kienu ġew suġġeriti fil-proposta oriġinali.

Il-Membri qablu unanimament

3.5 Minuta 5.4 - Is-Sindku saqsa lis-Sur Mangani dwar l-istimi tal-lifts u dan biex il-Kunsill ikun jista' jippartecipa f'A+Accessibility Award. Is-Sur Mangani informa lill-membri li għadu qiegħed jistenna l-istimi u jittama li l-istimi ikunu għand il-Kunsill fl-iqsar żmien.

F'dan l-istadju fis-7:50 pm is-Sur Horace J Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.6 Minuta 9.3 - Is-Sindku informa lill-Membri dwar l-iżviluppi ta' Triq Ġdida fi Triq l-Imsida fejn is-Sindku kellem lic-Chairman tal-Enemalta rigward il-problema. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tinżamm il-garanzija attwali bil-possibilta li tkun bankarja.

Il-Membri qablu unanimament

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku informa lill-membri dwar rapport li l-Kunsill ircieva dwar il-playing fields Dun Gorg Preca u Guza Flores. Is-Sindku rrimarka li fil-playing field Guze Flores għandu jsir l-manutenzjonijiet meħtiega filwaqt li fil-playing field l-oħra għadhom kemm ġew installati lampi godda.

Il-Membri qablu unanimament

4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-kunsill għadu kemm ircieva kont tad-dawl pendenti relatat mal-playground Dun Gorg Preca li jammonta għal €3,221.51. Is-Sindku irrimarka li minn meta inqaleb il-meter fuq l-Awtorita tad-Djar dan l-istess kont qatt ma tħallas u għaldaqstant fil-21 ta' Marzu, 2014 ser isir laqgħa mac-Chairman ta' l-Awtorita tad-Djar sabiex b'hekk jintlaħaq xi forma ta' ftehim dwaru.

Il-Membri qablu unanimament

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri fuq il-Mayor's Prize – Science Art Contest fejn il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jekk ikun hemm qbil, jippremja student mill-iskola Primarja ta Santa Venera. Il-preżentazzjoni ser issir fit-12 t'April, 2014 ġewwa l-MCAST.

Il-Membri qablu unanimament

4.4 Is-Sindku nofrma lill-membri dwar it-talba li s-Sur Carmelo Romano għamel lill-Kunsill Lokali sabiex fl-20 ta' Ġunju, 2014 jagħmel festin ta' sebgħin ruħ fil-ġnien Romeo Romano. Is-Sindku ppropona li għal dan il-każ s-Sur Romano għandu jgħati donazzjoni lill-Kunsill ta' mhux inqas minn €100. Jekk ikun hemm qbil is-Sur Romano għandu jiġi kkuntatjat sabiex il-Kunsill jalloka parti mill-ġnien Romeo Romano fil-ġurnata identifikata.

Il-Membri qablu unanimament

4.5 Is-Sindku informa lill-membri li d-Dipartiment ta' l-Anzjani ħareg bl-inizjattiva pilota sabiex joffri s-servizz ta' Social Worker lil dawk l-anzjani l'fuq minn 60 sena. Għaldqastant is-Sindku rrimarka li l-Kunsill ser jipprova jaħdem b'kolloborazzjoni ma' l-istess Dipartiment, li qiegħed ġewwa Santa Venera, sabiex bħala kunsill nippromwovu dan is-servizz lill-anzjani tal-lokal mill-istess Dipartiment.

Il-Membri qablu unanimament

5. **Skeda ta' pagamenti**: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament.

6. **Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 371 sa ilment numru 395.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 371 | Applikazzjoni ma' Transport Malta iżda neħtieġu r-ritratti |
| 372 | Każ magħluq |
| 373 | Ħaddiema Assenjati fuq refreshing |
| 374 | Każ magħluq |
| 375 | Ħaddiema Assenjati |
| 376 | Każ magħluq |
| 377 | Każ magħluq |
| 378 | Każ magħluq |
| 379 | Każ magħluq |
| 380 | Tinġieb stima |
| 381 | Ħaddiema Assenjati |
| 382 | Ħsarat isiru minn Bilom Ltd filwaqt li l-isem jinqala' u jitwahhal mill-Ħaddiema Assejnati |
| 383 | Koptasin |
| 384 | Każ magħluq |
| 385 | Każ magħluq |
| 386 | Każ magħluq |
| 387 | Każ magħluq |
| 388 | Applikazzjoni ma'Transport Malta |
| 389 | Applikazzjoni ma'Transport Malta |
| 390 | Haddiema Assejnati |
| 391 | Koptasin wara li it-talba tiġi deċiża mill-laqgha mal-Assistant Kummissarju |
| 392 | Applikazzjoni ma' Transport Malta u dwar l-ispeed cameras titressaq lir-Regjun |
| 393 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 394 | Ninfurmaw il-Perit sabiex issir evalwazzjoni tal-ħsara |
| 395 | Transport Malta |
| 395a | Tabelli mghawġin fi Triq il-Ferrovija - Ħaddiema Assenjati |
| 395b | Inspuction fi Triq il-Ferrovija - Transport Malta |
| 395c | Nimxu mal-approvazzjoni ta' Transport Malta u jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa |

Fuq ilment 380 is-Sindku qal li fuq insistenza ta' diversi Sindki oħra, kien hemm qbil li l-flejjes li hemm fir-Regjun jinqasmu bejn il-Kunsilli Lokali. Santa Venera għandha 10% mill-allokazzjoni li jammontaw għal €40,000 u għaldaqstant b'dawn il-flus is-Sindku ppropona li għandna nġibu stima sabiex issir it-triq u l-bankina fi Triq San Ġorġ in-naħa ta' bejn Triq il-Kbira u Triq il-Kanun.

Il-Membri qablu unanimament

7. **Ordnijiet tal-Ġurnata - Attivitajiet għal April, Mejju u Ġunju 2014**

**April:** Is-Sur Carabott informa lill-membri li l-Ħadd 27 t'April 2014 ser tiġi organizzata attivita' f'Misrah Santa Venera fejn ser ikun hemm tberik ta' l-annimali, esibizzjoni ta' klieb li jistgħu jiġu addottati, demostrazzjoni mill-klieb tal-pulizija u esibizzjoni tal-klieb u qtates mill-pubbliku. Fost attivitajiet oħra ser ikun hemm pony rides, face-painting, ikel u xorb. Is-Sur Carabott talab lill-membri sabiex il-Kunsill jixtri trophies għal min jippartecipa. Is-Sindku ppropona sa massimu ta' €150 għal din l-attivita'.

Il-Membri qablu unanimament

**Mejju:** Is-Sindku informa lill-membri sabiex fl-10 ta' Mejju 2014, il-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tan-Nar jiġi organizzat "big screen" għall-Eurovision Song Contest ġewwa il-ġnien Romeo Romano. Il-Kunsill irid jissuplixxi d-dawl, siġġijiet u mwejjed, mobile toilets u riklamar għal din is-serata.

Il-Membri qablu unanimament

Is-Sur Mangani għandu jlaqqa' is-Sotto Kumitat sabiex għal Jum l-Omm tiġi organiżżata quddiesa u festin żgħir ġewwa Istitut Apap għall-anzjani. Din l-proposta għandha terġa' titpoġġa fuq l-aġenda għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament

**Ġunju:** Akkwadott lffjurit li ser issir fis-7 ta' Ġunju 2014. Is-Sur Vella informa li diga bdew isiru preparamenti għal din il-ġurnata. Ġie indikat ukoll li Triq il-Kbira San Ġuzepp ser tingħalaq minn Triq San Ġorg sa Triq l-Imsida. Is-Sur Vella qal li l-ammont li gie allokat lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jammonta għal €1500 iżda dan mhux bizzejjed biex tagħmel serata bħal din. Is-Sindku ppropona sabiex iżid dan l-ammont b' €500.

Il-Membri qablu unanimament

## 8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ġew ippreżentati l-minuti tat-tieni laqgħa tas-sotto Kumitat ta' l-Anzjani, Persuni bi bżonnijiet specjali u l-familja liema laqgħa saret fis-26 ta' Settembru 2013.

Ġew ippreżentati l-minuti tal-ħames laqgħa tas-sotto Kumitat tal-Kultura u l-Wirt Storiku liema laqgħa saret fis-17 ta' Jannar 2014.

## 9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

9.1 Is-Sindku fakkar fuq it-twinning ma' Kastoria u li kollox għaddej skont il-pjan. Kien hemm interess ukoll mill-Għaqda tan-Nar kif ukoll min-Nursery tal-futbol. Il-Vici Sindku spjega wkoll fuq l-andament tas-servizzi li joffru l-MUESEC.

9.2 Is-Sindku informa lill-membri fuq Triq Brighella le ser issir ftehim fuq il-post mal-kuntrattur li għamel il-ħsara sabiex jirranġa.

9.3 Is-Sindku qal lill-membri li ser iwaqqaf Grupp t'Azzjoni mir-Residenti fuq il-mini Reġjonali. Is-Sur Stanley Azzopardi ħa l-inizzjattiva u għalhekk jekk il-membri jaqblu is-Sur Azzopardi għandu jkun ic-Chairman ta' dan is-sotto kumitat.

Il-Membri qablu unanimament



9.4 Is-Sindku informa lill-membri bil-lista ta' l-affarijiet ta' bla użu li s-Segretarju identifika. Dawn l-oġġetti jagħmlu parti mill-fixed asset register u għaldaqstant ġie suġġerit li għandu jsir write off tagħhom.

Il-Membri qablu unanimament

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri li fis-26 ta' Marzu, 2014 fl-10 ta' filgħodu l-Kumpanija emCare ser tagħmel laqgħa ma' l-anzjani ġewwa d-Day Centre rigward is-sistema tat-Telecare.

9.6 Is-Sindku informa lill-membri li llum ircieva proposta biex fis-sajf jerġa' isir il-Kids Start mit-TCTC. Is-Sindku talab naqra ħin għaliex it-TCTC iridu li l-kors isir bil-flus iżda s-Sindku ser jinnegozja sabiex il-kors isir b'xejn u nagħmlu tajjeb biss ghall-pubblicita'.

9.7 Is-Sindku informa lill-membri li fil-11 ta' April, 2014 l-operatur tal-Green Pak ser jibda jopera. Il-Green Pak ipproponew żewġ proposti.

L-ewwel proposta li jħallsu lill-Kunsill għal kull tunellata li jiġbru. Pero jevitaw il-kuntratt ma l-operatur, Northern Cleaning, eventwalment ikun il-Kunsill li jrid jagħmel kuntatt dirett ma l-operatur. Minn naħa tal-Kunsill din il-proposta tirrikjedi aktar spejjez apparti li trid tinħareġ tender.

It-tieni proposta hi li l-pakkett jibqa' bħal ma huwa illum bid-differenza li jiġu eliminati ir-recycling bins ż-żghar li hemm fi Triq il-Batterija. Barra minn hekk il-flyers u d-distribuzzjoni tal-boroż trid issir mill-Kunsill. B'din il-proposta l-problema hi kif ser jitqassmu il-boroz lil 2500 familja għaldaqstant għandu jsir management plan. B'dan il-pjan darba fix-xahar ser jinġabar ukoll il-ħġieġ.

Is-Sindku informa lill-membri li l-aħjar li l-Kunsill imur fuq it-tieni proposta.

Il-Membri qablu unanimament

## 10 Aġġornament

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 21 ta' April 2014 fis-6.30 ta' filghaxija b'agenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-Laqgħa intemmet fid-9.40 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum: